MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Numru. 603/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER PAUL MIRUZZI**

**KONTRA**

**John Borg ta' 46 sena, iben Josdeph u Stella nee' Sciberras, imwieled tal-Pieta' fis-26 ta' Dicembru, 1957, u residenti fil-fond numru 90, 'Il-Merill', Trejqet il-Ferrovija, Santa Venera, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 22958M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **John Borg** ta' 46 sena, iben Joseph u Stella nee' Sciberras, imwieled tal-Pieta' fis-26 ta' Dicembru, 1957, u residenti fil-fond 90 'Il-Merill', Trejqet il-Ferrovija Santa Venera, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 22958M li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-25 ta' Marzu, 2004 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghadnu hwejjeg misruqa jigifieri senter tal-marka Benelli numru 162973, mehud b'serq, jew akkwistat b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex imexxieh.

2. Akkuzat wkoll tall-fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi gie fil-pusess ta' l-arma tan-nar, jigifieri senter tal-marka Benelli b'numru tas-serje mhux originali 162973 jew munizzjon, xort' ohra milli b'licenzja, u minnufieh naqas li jaghti avviz taghhhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma jew munizzjon handhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz.

3. Akkuzat wkoll talli fl-istess data, Lok u cirkostanzi biegh, espona ghal bejgh, garr, kellhu fil-pusess tieghu, spara, uza, mporta jew immanifattura xi skratac ikkargati b'xi comb ta' daqs aktar minn 3,2mm f'dijametru.

4. Akkuzat wkoll talli fl-istess data lok u cirkostanzi kellhu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon b'mod li setgha jigi f'idejn haddiehor.

5. Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena skond il-Ligi tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti kif wkoll l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jottjeni il-licnzja t*al-arma ghall-zmien mhux anqas minn sena.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali; Rat f'dan ir-rigward in-nuqqas ta' oggezzjoni ghal istess proceduri, kif wkoll li ma kienx hati ghal akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-Atti kollha tal-kawza, semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsiderat

Illi mill-provi provduti jirrizulta li zewg pulizija PC 1273 Klaus Mifsud u PC 1209 waqt inspections, kienu waqqfu persuna wara serqa certu John Borg u talbuh s-senter tant li PC 1273 Mifsud xehed li s-senter ta’ din il-persuna kien f’vettura ftit distanza l-boghod. Elevaw is-senter ta’ din il-persuna in kwistjoni ghax deher li kellu s-serial number imbaghbas. Elevaw wkoll l-iskratac inkwantu deher ghalijhom li kien ohxon. Xehed li mir-ricerki li ghamel mad-Dipartiment skopra li dan is-senter elevat kellu serial number 162973 li kien jghajjat senter tal-marka Breda, mentri s-senter elevat kien tal-marka Benelli. Dan is-senter gie elevat minghand l-imputat.

PC 1209 Edmond Grima wkoll ikkonferma li sabu lil imputat hiereg minn wara sigra talbuh is-senter, u taghulhom minn gol vettura. Dan kien fil-cover u skargat. Gie avzat li ma setax jabbanduna s-senter ghalhekk giet elevata l-arma. X’hin raw l-arma, deherilhom wkoll li c-comb kien ta’ kalibru ohxon. Xehed li l-arma elevata kienet Benelli serial number 162973. Ikkonferma li mir-ricerki li ghamlu man-naha tal-Weapons, irrizuilta li dak is-serial number kien jghajjat lil senter tal-marka Breda.

Ikkalkula li d-didstanza bejn fejn instab John Borg u l-vettura li fiha kien hemm l-arma kienet ta’ tlett darbiet it-tul ta’ l-Awla numru 7.

Rat wkoll ir-rapport tal-espert ballistiku mahtur fl-inkjesta, l-Brigadier Maurice Calleja, a Folio 50 et. Seq. Dan ikkonkluda li s-senter li kellu serial number 162973 numru mhux originali li gie ttimbrat wkoll bil-maqlub, iddeskriva dan is-senter bhala wiehed tal-marka Benelli.

Min naha tieghu PC 1525 Patrick Farrugia wkoll espert nominat fl-inkjesta, ikkonkluda wkoll li n-numru 162973 ma kienx wiehed originali b’dan li n-numru originali tal-arma, kif wkoll dak tal-kanna kienu gew imhassra. Fil-fatt PC 1525 irnexxielu jirrestawra parti minn numru originali.

M’hemmx ghalhekk dubbju li din l-arma elevata kellha fil-fatt is-serial number taghha mbaghbas, dan anke kif jidher mir-ritratti esebiti (Dok.PF).

Alexander Miruzzi n'kontro ezami xehed li l-arma li nstabet ghand Borg u li giet elevata minghand l-impuat kienet tal-marka Benelli kif ikkonkluda wkoll l-espert il-Brigadier Maurica Calleja. Ikkonfrma pero' li fl-applikazzjoni tat-transfer ir-referenza ghal arma hija Breda.

PC 607 Joseph Mario Camilleri rappresentant tal-Weapons Office - ikkonferma kif jirrizulta mil-personal card ta' Joseph Borg I.D. 22958(M) li l-arma hija Breda. Ikkonferma li nxtrat minghand Michael Navarro. Mill-Proforma esebita fl-istess file jirrizulta wkoll illi John Borg, iffirma ghaliha. Jidher fil-fatt mill-istorja li esebixxa l-istess kuntistabbli li din l-arma Breda 162927 kienet giet importata mill-Italia minn certu Anthony Borg, ghaddiet ghand Navarro u finalment ghand l-imputat.

Giet wkoll esebita mill-Ispettur Miruzzi l-applikazzjoni ta' John Borg biex tinqaleb l-arma Breda serial number 162973 Dok. AMI a folio 13.

Giet esebita wkoll mill-Ufficjal Prosekutur l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Dok. JB a fol. 12. Qal li fuq talba tal-pulizija huwa kien hadhom hdejn il-vettura, minn hawn tahom l-arma n'kwistjoni, ghalih tal-marka Benelli. Jghid li s-serial number taghha huwa dak imnizzel fuq il-licenzja. Dwar il-fatt li fuq it-transfer tidher bhala arma tad-ditta Breda, wiegeb li hu ghalkemm kien prezenti, ma kienx hu li ghamel it-transfer. Qal li huwa la qatt partat, tilef jew sellef xi arma. Innega li hu qatt barax xi arma jew li qatt ghamel xoghol fuqha.

John Borg ghazel li jixhed minn jeddu. Qal li hu kellu permessi li johrog ghal kacca u kellu erbat is-snieter – tnejn Breda wiehed Benelli u iehor ma kienx jaf x'jismu - kollha llicenzjati.

Spjega li kien ghal kacca, kellu beritta li halla fuq il-hajt – rega rritorna ghaliha waqt li halla s-senter fil-vettura. Qal li l-vettura kienet ipprkjata tul erba' darbiet daqs l-Awla. Is-senter kien maghluq fil-booth tal-vettura.

Spjega li s-senter Benelli xtrah minghand Navarro – sar it-transfer, it-transfer ha hsiebu dana Navarro. Qal li lilu gablu l-formola u ffirma l-parti tieghu. Qal li huwa la jaf jaqra u lanqas jikteb u li ghalhekk hu ma kienx mela l-formola. Qal li hu jhallas il-permessi tas-senter kull sena.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel akkuza dedotta hija dik ta’ ricettazzjoni, wahda li kategorikament lanqas jezisti hjiel taghha fil-provi prodotti – ghaldaqstant John Borg qed jigi liberat mill-istess.

It-tieni akkuza hija dik koncernanti s-serial number mhux originali taghha li ghandha l-arma. Kif gie prodott John Borg xtara l-arma li giet hekk irregistrata bhala wahda Benelli bin-numru tar-registrazzjoni.

Tant li t-transfer hekk sar, kif irrizulta u fuq hekk baqa jhallas il-permessi mhallsa – ghalhekk anke fuq din l-akkuza qed jigi liberat.

It-tielet akkuza wkoll ma rrizultatx u dan kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-Brigadier Calleja.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li John Borg kien allontana ruhu minn mal-vettura biex jirritorna lejn l-ghalqa u jigbor il-beritta li nesa warajh. Illi ex admissis jghid li l-vettura hallieha tul ta’ erba darbiet l-awla numru 7, circa allura mija u hamisn pied il-boghod. Illi jirrizulta wkoll illi l-arma kienet gol-booth tal-vettura gol cover u skargata.

Illi fil-fatt il-ligi titkellem dwar il-fatt li kull min ghandu licenzj, biex izomm jew biex ikollu arma tan-nar jew munizzjon, ghandu jzomm fil-kustodja tieghu (enfasi tal-Qorti). Il-ligi fil-fatt titkellem dwar kustodja mhux pussess. Illi s-senter imsakkar (ghax ma ngabet ebda prova kontrarja) go booth ta’ vettura, li qieghda pparkeggjata releattivament vicin, mhux abbandunata, ghadu fl-opinjoni tal-Qorti fil-kustodja tal-persuna fuqha licenzjat.

Illi n-vista ta' dan kollhu premess din il-Qorti qieghda tillibera lil John Borg mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. B'dan pero' li qieghda theggeg lil Kummissarju Tal-Pulizija li b'xi mod tigi registrata (sa fejn hu possibbli) l-posizzjoni ta' l-arma Benelli mhux Breda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------